

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *Secolux, Association pour le contrôle de la sécurité de la construction*, hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 135, 5.5.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ottubru 2015 – Il-Kummissjoni vs Verile u Gjergji**

(Kawża T-104/14 P) <sup>(1)</sup>

*(“Appell — Appell inċidentali — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali — Proposti ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz — Att li ma jikkawżax preġudizzju — Inammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Ċertezza legali — Aspettattivi leġittimi — Ugwaljanza fit-trattament”)*

(2015/C 398/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, G. Gattinara u D. Martin, aġenti)

*Appellati:* Marco Verile (Cadrezzate, l-Italja) u Anduela Gjergji (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn D. de Abreu Caldas, J. N. Louis u M. de Abreu Caldas, sussegwentement minn J. N. Louis u N. de Montigny, avukati).

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (Seduta Plenarja) tal-11 ta' Diċembru 2013, *Verile u Gjergji vs Il-Kummissjoni* (F-130/11, ĠabraSP, EU:F:2013:195), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (Seduta Plenarja) tal-11 ta' Diċembru 2013, *Verile u Gjergji vs Il-Kummissjoni* (F-130/11), hija annullata.
- 2) Ir-rikors ippreżentat minn Marco Verile u minn Anduela Gjergji quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-130/11 huwa annullat.
- 3) M. Verile u A. Gjergji minn naħa, u l-Kummissjoni Ewropea, min-naħa l-oħra, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 151, 19.5.2014.